# Id-Dħul mit-Taxxi: 2022

NR193/2023, Data tal-Ħruġ: 31 ta' Ottubru 2023

*Fl-2022, id-dħul sħiħ mit-taxxi kien ta' €5,098.7 miljun, li juri piż tat-taxxa daqs 29.6 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross.*




Id-dħul mit-taxxa żdied b'€503.2 miljuni fuq is-sena ta' qabel sabiex laħaq total ta' €5,098.7 miljun. Din iċ-ċifra tirrappreżenta 86.7 fil-mija tad-dħul totali tal-gvern ġenerali miġbur fl-2022.

It-taxxi diretti ammontaw għal €2,285.2 miljun, li jagħmlu 44.8 fil-mija tad-dħul kollu mit-taxxa. Dan wera żieda ta' €203.2 miljuni meta mqabbel mal-2021. Il-komponent primarju f'din il-kategorija tibqa' t-Taxxa fuq id-Dħul Individwali, li żdiedet b'€232.8 miljun, filwaqt li t-Taxxa fuq il-Profitti tal-Korporazzjonijiet, għall-kuntrarju, naqset bi €38.3 miljun fuq is-sena ta' qabel.

It-taxxi indiretti ammontaw għal €1,822.8 miljun, żieda ta' €224.2 miljun meta mqabblin mal-2021. Dan huwa ekwivalenti għal 35.8 fil-mija tad-dħul totali mit-taxxa. F'din il-kategorija, it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kienet ta' €1,189.5 miljun, li b'hekk uriet żieda ta' €188.8 miljun meta mqabbla mal-2021. Barra minn hekk, it-Taxxi fuq il-Prodotti ammontaw għal €513.5-il miljun, li b'hekk urew żieda ta' €14.4-il miljun fuq is-sena ta' qabel. Din iż-żieda kienet dovuta l-aktar għal dħul ogħla mit-taxxa ġġenerat mid-dazji fuq id-dokumenti u l-konsum tas-sigaretti. Min-naħa l-oħra, kien hemm tnaqqis fit-taxxa tas-sisa imposta fuq iż-żejt mhux maħdum[1]. Taxxi oħra fuq il-produzzjoni ammontaw għal €92.4 miljun, u rreġistraw żieda ta' €15.4-il miljun fuq is-sena ta' qabel.

Il-kontribuzzjonijiet soċjali[2] mħallsin mill-ħaddiema, minn min iħaddem, kif ukoll minn dawk li jaħdmu għal rashom u dawk qiegħda, ammontaw għal 19.4 fil-mija tad-dħul kollu mit-taxxa fl-2022, u telgħu għal €990.6 miljun. Dan wera żieda ta' €75.8 miljun meta mqabbel mas-sena ta' qabel (Tabella nru 1).

Il-piż globali tat-taxxi jirrappreżenta l-ammont totali ta' taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali, murijin bħala perċentwal tal-Prodott Domestiku Gross (PDG). Fl-2022, il-piż totali tat-taxxi ta' Malta naqas għal 29.6 fil-mija tal-PDG mit-30.1 fil-mija tal-PDG irrappurtat fl-2021. Iċ-ċifri juru piż medju tat-taxxa ta' madwar 30.6 fil-mija għall-perjodu bejn l-1995 u l-2022. Dan jimplika li l-andament fil-ġbir tat-taxxa kien relattivament konsistenti matul dawn is-snin, b'varjazzjonijiet madwar din il-medja, inklużi valuri li jvarjaw minn livell baxx ta' 25.5 fil-mija sa 34.0 fil-mija. (Tabella nru 2, Ċart nru 1).

## Ċart nru 1. Il-piż totali tat-taxxi, bis-sena




Sal-aħħar tas-sena li għaddiet, it-taxxi diretti (li jinkludu t-taxxi kapitali) kienu jagħmlu 13.3 fil-mija tal-PDG, meta mqabblin mas-sehem tat-taxxi indiretti li kien ta' 10.6 fil-mija. Sadattant, is-sehem tal-kontribuzzjonijiet soċjali kien ta' 5.8 fil-mija tal-PDG, li juri tnaqqis ta' 0.2 punti perċentwali meta mqabbel mal-2021 (Tabella nru 2, Ċart nru 2).

## Ċart nru 2. L-evoluzzjoni tal-komponenti ewlenin tat-taxxi f'Malta

bħala persentaġġ tal-PDG




**It-Taxxa fuq id-Dħul bil–qasam istituzzjonali tal-ESA 2010**

Fl-2022, it-Taxxa fuq id-Dħul miġbura mill-Gvern Ġenerali mill-unitajiet domestiċi ammontat għal 65.8 fil-mija tat-total, li huwa ekwivalenti għal €1,440.2 miljun, Sadattant, il-kontribuzzjonijiet mill-Korporazzjonijiet mhux Finanzjarji u mill-Korporazzjonijiet Finanzjarji ammontaw għal 24.2 fil-mija u 9.6 fil-mija, rispettivament.

F'termini assoluti, iż-żieda ta' €196.2 miljun mit-Taxxa fuq id-Dħul fuq l-2021 kienet ġejja l-aktar minn dħul akbar mingħand l-unitajiet domestiċi (€233.5 miljun), kif ukoll żidiet mit-Taxxa fuq id-Dħul mingħand il-Korporazzjonijiet mhux Finanzjarji (€80.8 miljun). Min-naħa l-oħra, kien hemm tnaqqis mit-Taxxa fuq id-Dħul minn Korporazzjonijiet Finanzjarji (€118.8-il miljun) (Tabella nru 4).

**Taxxi tal-ambjent**

Fl-2022, id-dħul kollu mit-taxxi ambjentali tela' b'€10.6 miljuni sabiex laħaq il-€287.2 miljun. Din iċ-ċifra tirrappreżenta 5.6 fil-mija tad-dħul kollu miġbur mit-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali, kif ukoll 1.7 fil-mija tal-PDG. It-taxxi fuq l-enerġija (li jinkludu taxxi fuq il-fjuwils tat-trasport) żdiedu b'€7.0 miljuni, u kienu jikkostitwixxu l-akbar sehem ta' taxxi ambjentali, u li jiffurmaw 50.3 fil-mija ta' din il-kategorija. Ir-raġuni ewliena għal din iż-żieda tista' tkun attribwita għal dħul akbar mill-permessi ta' skemi ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet (+ €15.0-il miljun). Wara dan, kien hemm id-dħul iġġenerat mit-Taxxi fuq it-Trasport bi 38.6 fil-mija u t-Taxxi fuq it-Tniġġis bi 11.1 fil-mija (Tabella nru 5).

[1] Aktar tagħrif jinstab fil-Lista Nazzjonali tat-Taxxa ta' Malta (Tabella nru 6).

[2] Ara n-nota metodoloġika nru 4.